1 ta' Frar, 1967

**Imħallef:**

**Onor. V.R. Sammut, B.A., LL.D.**

**Frank Ernest Prior**

*versus*

**Lawrence Fenech et noe**

**Safar — Impediment, Mandat ta' — Nullità ta' — Invalidità ta' — Indiġenza tad-Debitur — Immoralità.**

*Mandat ta' impediment tas-safar ma jistax jiġi annullat fuq il-bażi tal-fatt li jkun immorali u krudili li żżomm debitur indeġenti barra minn pajjiżu u b'hekk tinnegalu l-possibilità li jakkwista l-mezzi biex iħallas id-debitu tiegħu.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u wara li jingħataw l-ordnijiet li hemm bżonn, — premess illi huwa minħabba forza maġġuri

u mingħajr ebda ħtija tiegħu waqa' fi stat ta' assoluta indiġenza, ibati l-ġuħ u mkeċċi mid-dar lilu mikrija mill-konvenut Fenech fil-waqt li obbligat ma jaħdimx u jinnegozja, u allavolja konsapevoli ta' dan l-istat ta' fatt il-konvenut Fenech talab il-ħruġ ta' impediment ta' safar kontra l-attur u rinnovah, u din il-Qorti akkordat din it-talba u renova taħt l-awtorità tal-Liġijiet viġenti f'Malta; u premess illi fil-proċedura relativa għall-mandati ta' impediment tas-safar ta' persuna ma hemm l-ebda protezzjoni għall-individwu milqut minn dan ix-xorta ta' mandat f'sitwazzjoni simili jew kongruwa u billi in forza u bħala effett dirett ta' din il-proċedura f'dawn iċ-ċirkostanzi qegħda tiġi mqegħda f'periklu manifest is-saħħa u l-ħajja ta' l-attur u billi oltre l-fatt illi l-konvenut żamm f'idejh kull ma għandu funġibbili l-attur f'Malta u l-attur ma għandu l-ebda proprjetà jew flus f'Malta u bis-safar tiegħu l-attur għandu l-probabilità li mhux biss iħallas lill-konvenut imma li jsalva ruħu minn telf ta' somma rilevanti u l-konvenut ma jista' jissalvagwarda xejn bl-att tiegħu anzi jkompli jżid id-dejn tal-attur: Talab illi din il-Qorti tiddikjara nvalida u immorali t-talba u proroga ta' impediment ta' safar ta' persuna illi tinsab f'dawn il-Gżejjer fi stat ta' indiġenza u mingħajr il-possibilità li takkwista l-għixien tagħha għaliex prekluża mix-xogħol jew mezz ieħor idonew biex tgħix billi f'każi kongruwi din il-proċedura tilledi d-dritt kardinali tal-bniedem għall-ħajja u saħħa, dritt li l-istat hu obbligat jipproteġi u bl-ebda mod jimmenoma mingħajr distinzjoni ta' razza jew fidi, id-dritt għall-ħajja u in konsegwenza li l-mandati emessi minn din il-Qorti fin-numri 574/66, 44366 (ħames mija erbgħa u sebgħin u erbgħa mija u tlieta u erbgħin tal-elf disa' mija sitta u sittin) ta' impediment ta' safar ta' persuna fuq talba tal-konvenut Fenech kontra l-attur huma nulli u mingħajr effett għar-raġunijiet predetti — Bl-ispejjeż u b'riserva ta' kull azzjoni għad-danni favur l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut **Lawrence Fe-**

nech li biha qal illi ma jidher li hemm ebda kawżali legali għat-talba jew talbiet tal-attur. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-imsemmi konvenut u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut l-ieħor Onorevoli Nutar Dottor Giorgio Borg Olivier nomine li biha qal li huwa ma ħax parti fil-proċeduri ġudizzjarji ndikati fiċ-ċitazzjoni u anqas għandu ebda interess fihom, u għalhekk għandu jiġi liberat mid-domandi kif diretti kontra tiegħu. B'riżerva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-imsemmi konvenut nomine u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Ħadet konjizzjoni tal-proċess;

Semgħet l-avukati;

Ikkunsidrat:

L-ilmenti tal-attur jirrigwarda l-ħruġ kontra tiegħu tal-mandat tal-impediment tas-safar, fl-ismijiet: Lawrence Fenech vs. Frank Ernest Prior, Numru 443/66 u 574/66 (u l-proroga relativa) għall-krediti pretiżi mill-konvenut Fenech ta' £129 u £100 rispettivament.

L-attur iddepona li jinsab bla mezzi finanzjarji u li huma ħbieb tiegħu li qegħdin jissuppluh b'ikel u b'dar tal-abitazzjoni; u li meta applika għall-assistenza lil-diversi dipartimenti governativi ġie nformat li, billi huwa strangier, ma huwiex intitolat għaliha. Però mit-13 ta' Jannar, 1967 l'hawn qiegħed jirċievi b'self (mingħand il-Gvern Malti) £3.2.6 fil-ġimgħa, u dan is-self qiegħed jikkontinwa.

Sa Marzu tas-sena li għaddiet kien jirċievi "royalties" fl-ammont ta' £3,500 fis-sena minn "patent" tiegħu, però l-kumpannija li kienet tħallsu waqfet mill-pagamenti. F'Lulju għamel kawża kontra dik il-kumpanija fil-Queen's Bench Division, l-Ingilterra, li huwa rebaħ, imma l-kumpanija ġiet likwidata u ma tħallasx. L-attur irid jipproċedi fl-Ingilterra kontra garanti li għamillu tajjeb għar-"royalties", u għalkemm ta istruzzjonijiet lil Solicitors tiegħu hemm biex jieħdu l-passi neċessarji, għadhom ma ħaduhomx.

Ġie sottomess fit-trattazzjoni illi l-attur irid imur personalment l-Ingilterra in konnessjoni mal-azzjoni li jrid jipprommovi kontra l-garanti, imma li huwa possibli li ssir dik l-azzjoni mingħajr il-preżenza tiegħu. Mid-depożizzjoni tal-attur irriżulta illi l-"United Kingdom High Commissioner" aċċetta li jirranġa għal ħlas tal-passaġġ minn Malta għall-Ingilterra ta' mart l-attur u tat-tfal tiegħu; però l-attur ippreferixxa li jiddeklina l-offerta, għaliex it-tfal imorru l-iskola hawn Malta.

Ikkunsidrat:

Il-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili, fl-Art. 858 u ta' wara jippermetti l-ħruġ ta' mandat tal-impediment ta' safar ta' persuna in kawtela ta' pretensjoni għal mhux anqas minn £20, illi bis-safar ta' dik il-persuna tista' tiġi skartata.

L-istess Kodiċi jiddisponi b'liema mod jispiċċa l-effett ta' mandat ta' din in-natura, u r-rimedju għandha l-persuna miżmuma mis-safar kontra min jottjeni l-ħruġ tal-mandat inġustament, u b'liema mod il- persuna miżmuma mis-safar tista' tottjeni pleġġerija għal ħlas ta' penali, danni u mgħaxijiet, taħt ċerti ċirkostanzi.

L-azzjoni preżenti ma ġietx istitwita fuq il- bażi ta' xi

waħda mid-dispożizzjoni tal-imsemmi Kodiċi, li jirregola espressament l-imsemmi mandat.

Kif jidher mill-verbal reġistrat a fol. 12 tal-proċess, l-Avukat tal-attur iddikjara fl-udjenza tat-28 ta' Jannar, 1967 illi mhux qiegħed jibbaża d-domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni fuq xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni u lanqas fuq xi liġi speċifikata, imma fuq konflitt bejn il-liġi dwar l-impediment tas-safar u l-obbligazzjoni assunta minn l-attur, in konnessjoni mal-permess tar-residenza tiegħu f'Malta, li ma jaħdimx hawn.

Anki kieku l-azzjoni preżenti kienet promossa, bid-debita forma, fuq il-bażi ta' xi dispożizzjoni kostituzzjonali rigwardanti drittijiet u libertajiet fondamentali tal-individwu — dak li ma hijiex, kif aċċetta l-Avukat tal-attur — l-istess Kostituzzjoni tagħna tal-1964, fl-Art. 48(7) issalva kull ma jsir in bażi tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Huwa prinċipju risaput illi l-funzjoni tal-Qrati hija l-applikazzjoni tal-liġijiet eżistenti, u mhux l-indaġini dwar l-opportunità tagħhom. Din tal-aħħar hija funzjoni u kompitu tal-awtorità leġislativa, li fiha ma jistgħux jintromettu ruħhom il-Qrati, purkè l-liġi tkun saret kostituzzjonalment u tkun ġiet promulgata fid-debita forma. Kif igħid W.A. Robson, fl-opera tiegħu: "Justice and Administrative Law" paġina 363, in konnessjoni mal-funzjonijiet tal-Qrati: "The doing of right is to be after the laws and usages of the country not according to the dictates of the judge's personal impulses...The decision of the judge may, then, not be arbitrary or absolute, but must be exercised in conformity with the laws and usages of the realm".

L-istess attur, fl-att taċ-ċitazzjoni, ippremetta li "fil-proċedura relativa għal mandat ta' impediment ta' safar ta' persu-

na ma hemm ebda protezzjoni għall-individwu milqut minn din ix-xorta ta' mandat f'aitwazzjoni simili jew kongruwa", u jidher li qiegħed jadixxi l-Qorti għal rimedju mhux konsentit mil-liġi meta qiegħed jitlob illi t-talba għal ħruġ u għal proroga tal-mandat tiġi dikjarata nvalida u immorali u illi l-mandati stess jiġu dikjarati *nulli u mingħajr effett.*

Il-Qorti ma tistax ma tissimpatizzax mal-attur li sakemm jirnexxilu jottjeni mill-Ingilterra l-flus li jgħid li jispettawlu, jinsab fil-pożizzjoni *li jkollu jiddependi*, għal bżonniijet tiegħu, mill-ħbieb tiegħu u mis-somma żgħira li qiegħed igħaddilu settimanalment il-Gvern Malti; però ma ssibx illi fuq l-azzjoni kif impustata hija awtorizzata tiddikjara n-nullità mitluba.

Għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut Fenech.

Ikkunsidrat:

Għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni tal-konvenut l-ieħor, din ukoll timmerita li tiġi milqugħa, peress li huwa ma kienx parti fil-proċeduri *ġudizzjarji li taw lok* għal din il-kawża.

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tillibera l-konvenut Onorevoli Nutar Giorgio Borg Olivier nomine mill-osservanza tal-ġudizzju, u tiċħad it-talba, in kwantu diretta kontra l-konvenut Fenech. L-ispejjeż jitħallsu mill-attur.